MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Numru. 63/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Zael Vella** ta’ 18-il sena, bint Emanuel u Sandra Rita nee’ Grech imwielda Rabat Ghawdex, nhar l-22 ta’ Dicembru 1994 u residenti 92, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 10395(G)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata talli nhar 15 ta’ Gunju 2013 u fix-xhur ta’ qabel gewwa diversi postijiet f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnha stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. **Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina** specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tieghek u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi *kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca*** minnha u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u 8 (d), tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

3. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi** *kellha fil-pussess taghha droga ristretta u psikotropika (ecstasy)***, *kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine)*** li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellha l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex tkun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti nkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkunsidra l-posizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghha qeghdha tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li kkollaborat bis-shih mal-pulizija u ghandha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll li l-fedina penali taghha hija wahda netta.

Dwar it-talba sabiex l-hatja thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta m’hemm l-ebda provvediment x’jinghata peress li ma hemm ebda lok ghaliha f’dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a) u 8(d), l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 u tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------